MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 14/2014/1

**Ines mart Francesco Saverio sive Frank Calleja u, ghal kull interess li jista' jkollu, l-istess Francesco Saverio sive Frank Calleja**

**v.**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza preliminari moghtija fil-5 ta' Gunju 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti, laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport ["l-awtorita` intimata"] u sabet li l-azzjoni attrici hija milquta mill-gudikat mahluq bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar 2011 fil-kawza numru 28/2007 fl-ismijiet premessi, u lliberat lill-intimati mill-helsien tal-gudizzju safejn l-azzjoni tar-rikorrenti hija milquta mill-imsemmi gudikat; bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**Il-Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti huma dawn. B'sentenza moghtija fl-14 ta' Frar 2011 din il-Qorti kkonfermat is-sentenza moghtija fil-5 ta' Mejju 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, inkwantu din l-ahhar Qorti sabet li kien hemm ksur da parti tal-intimati tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ["il-Konvenzjoni"] fil-konfront tar-rikorrenti

meta f'Lulju tas-sena 1973 l-intimati, il-Kummissarju tal-Art ["il-Kummissarju] u l-awtorita` intimata, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta, hadu pussess effettiv ta' bicca art [Art.A] maghrufa bhala *Tal-Palma*, fil-Marsa wara l-hrug tal-Avviz ghal Ftehim [l-Avviz], kif ukoll meta, sentejn wara l-intimati hadu bicca art ohra [Art.B] din id-darba minghajr ma giet ippubblikata dikjarazzjoni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern; u, li minkejja li ghaddew ghexieren ta' snin, ir-rikorrenti mhux talli baqghu ma hadux kumpens, izda talli l-intimat Kummissarju naqas milli jaghti bidu ghall-proceduri relattivi sabiex jigi ffissat il-kumpens dovut lir-rikorrenti.

**3.** Dik il-Qorti kkonfermat ukoll ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti fejn il-Kummissarju intimat inghata tliet xhur zmien sabiex jaghmel dak necessarju fil-ligi biex jintemmu l-proceduri ghax-xiri tal-artijiet b'titolu assolut, u fejn ukoll ikkundannat lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti danni morali li dawn garrbu minhabba d-dewmien u l-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali taghhom fl-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000). Izda rrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kienet iffissat penali ta' elf Euro (€1,000) kuljum fil-kaz li l-intimat Kummissarju jonqos milli jaderixxi mal-ordni tal-Qorti fit-terminu fuq preskritt.

**4.** Dwar l-allegata lezjoni tal-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2009 l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili, iddisponiet minn din il-materja billi qalet li *"ladarba, fil-kuntest tal-*

*kawza tallum, il-jedd ghal access lil qorti huwa mhares ukoll, imqar jekk indirettament, taht id-dispozizzjonijiet li jharsu l-jedd ghall-proprjeta’, ma huwiex mehtieg li naraw ukoll, bhala kwistjoni ghaliha, jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u tal-jedd ghal access ghal-qorti.”*

**5.** Jirrizulta li sad-data[1] tal-prezentata tal-proceduri odjerni, u cioe` sat-18 ta’ Frar 2014 il-Kummissarju intimat ma kienx ghadu ottempera ruhu mal-ordni fuq moghtija, u konsegwentement ir-rikorrenti istitwew dawn il-proceduri fejn talbu li l-Qorti:

> “i. tiddecidi u tiddikjara illi l-intimati huma solidarjament hatja talli kisru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti minhabba n-nuqqasijiet taghhom imsemmija liema drittijiet huma sanciti bl-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni..
>
> “ii. taghti rimdju xieraq u opportun u dan jekk hemm zbonn billi anke timponi penali ghal kull jum li jghaddi sa dakinhar li [r-rikorrenti] jigu finalment imhallsa l-kumpens shih lilhom dovut skond il-ligi u skond kif ordnat fl-imsemmija sentenza, u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu kumpens bhala danni morali u non-pekunjari sabiex jaghmlu tajjeb ghas-sofferenzi u ingurja sofferta mir-rikorrenti.”

**6.** Fir-rikors promotur huwa ressaq is-segwenti ragunijiet ghat-talbiet tieghu:

[1] Fl-udjenza tal-25 ta’ Settembru 2014 gie registrat quddiem din il-Qorti li “fil-morti ta’ dan l-appell il-Kummissarju tal-Artijiet baghat Notice to Treat fil-25 ta’ Gunju 2014 u sar rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet..” [fol.116].

"1. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar 2011 fl-ismijiet premessi, il-Qorti Kostituzzjonali li f'dan ir-rigward ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili in Sede Kostituzzjonali, sabet lill-intimati lkoll hatja li kisru d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u kkundannat lill-intimati sabiex fi zmien tliet xhur mis-sentenza jaghmlu dak li ghandu jsir sabiex jintemmu l-proceduri ghax-xiri tal-artijiet tal-esponenti hawn taht indikati b'titolu assolut liema artijiet jikkonsistu f'porzjoni art ta' kejl superficjali ta' 1827$m^2$ minn issa 'l quddiem indikata bhala art A li tinsab il-Marsa maghrufa bhala tal-Palma indikata fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dok X u porzjoni art ohra li tinsab fi Triq it-Tigrija, il-Marsa ta' kejl superficjali ta' 968$m^2$ indikata bhala art B indikata fuq l-imsemmija pjanta Dok X.

"2. Illi sal-lum il-gurnata ma sarx tali process ta' esproprju wisq inqas li gie kontemplat u minkejja li l-esponenti pprezentaw diversi rikorsi sabiex l-intimati jinstabu hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, dan ma waslu ghall-ebda ezitu favorevoli ghall-esponenti.

"3. Illi minkejja l-fatt li giet pronunzjata sentenza mill-oghla Qorti tal-pajjiz fl-14 ta' Frar 2011, sal-lum il-gurnata l-intimati naqsu milli jottemperaw ruhhom ma' tali sentenza bir-rizultat illi l-esponenti ghadhom sal-lum minghajr rimedju xieraq sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali u inoltre, ghadhom qeghdin jigu lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ta' proprjeta` kif sanciti fl-imsemmija Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"4. Illi l-ingurja lill-esponenti hija aggravata mill-fatt illi l-art inkwistjoni ttihditilhom sa mill-1973 u minkejja kull sforz tal-esponenti sabiex dan il-process ta' tehid jigi kompletat u eventwalment jigu kumpensati ghadhom sal-lum il-gurnata jigi frustrat minkejja sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali.

"5. Illi jigi rilevat li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili in Sede Kostituzzjonali li inghatat fil-5 ta' Mejju 2009 kienet anticipat din il-possibilta` billi kkundannat lill-intimat li jhallsu penali ta' €1,000 kuljum ghad-dewmien f'kaz li l-imsemmi perjodu jghaddi inutilment izda tali penali giet imhassra mill-Qorti Kostituzzjonali ghax dehrilha li huwa inawdit li tigi imposta penali fuq il-Gvern u

sahansitra l-Qorti Kostituzzjonali waslet biex tghid li tali penali ma kinitx wahda konsiljata.

"6. Illi l-esponenti, mill-fatti li sehhew wara tali sentenza juru illi effettivament tali penali kienet verament konsiljata ghaliex minghajra, is-sentenza giet wahda ineffikaci li tat rizultat ghall-fatt illi l-esponenti kellhom jergghu jadixxu din l-Onorabbli Qorti biex id-drittijiet fondamentali taghhom ma jibqghux jigu iktar mittiefsa."

## Is-Sentenza Appellata

**7.** Is-sentenza appellata tittratta t-tielet eccezzjoni [l-eccezzjoni tal-gudikat] u r-raba' eccezzjoni [l-eccezzjoni dwar l-ezawriment tar-rimedju ordinarju], izda tenut kont li dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-gudikat, ma komplietx tikkunsidra r-raba' eccezzjoni.

**8.** Is-sentenza appellata, fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

"Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija bil-kwiet ta' possedimenti, għall-ħarsien mit-teħid ta' proprjeta' b'kumpens xieraq u għall-għoti ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Ir-rikorrenti jgħidu li, bħala sidien ta' art fil-Marsa, ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għaliex, minkejja li ngħatat sentenza favurihom mill-Qorti Kostituzzjonali fl-2011, l-intimati baqgħu ma wettqux dak li ordnat l-imsemmija sentenza u sallum ma ntemmx il-proċess tat-teħid tal-imsemmija art u l-ħlas lilhom tal-kumpens xieraq;

"… Ommissis …

"Illi f'dan il-każ, il-kwestjoni tintrabat ma' biċċtejn art li jinsabu fil-Marsa: waħda tal-kejl ta' elf tmien mija u sebgħa u għoxrin metru kwadru (1,827m$^2$) u magħrufa bħala "*Tal-Palma*" u l-oħra tal-kejl ta' disa' mija u tmienja u sittin metru kwadru (968m$^2$) li tinsab fi Triq it-Tiġrija. Iż-żewġ artijiet imissu ma' xulxin. Fl-1973, l-ewwel biċċa art kienet fost artijiet oħrajn li ttieħdu mill-Gvern biex minn fuqhom u f'nofshom tgħaddi triq ġdida – Triq it-Tlettax ta' Diċembru. F'Lulju ta' dik is-sena kien ħareġ Avviż tal-Gvern fil-Gażżetta tal-Gvern li jgħid li l-art kienet ittieħdet b'xiri assolut, imma baqa' ma twassalx fi tmiemu l-proċess tat-teħid tal-art, minkejja li l-proġett tat-triq sar u ntemm;

"Illi fl-1975 ittieħdet ukoll it-tieni biċċa art tar-rikorrenti, billi l-Gvern qabad u daħal f'dik l-art bla ma għamel dikjarazzjoni tal-President fil-Gażżetta bħalma kien għamel dwar l-ewwel art;

"Illi fl-2007, r-rikorrenti fetħu kawża quddiem din il-Qorti[2] li fiha lmentaw minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Attakkaw ukoll xi dispożizzjonijiet tal-Kap 88 kif imdaħħla b'emendi li saru bl-Att I tal-2006. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju, 2009[3], l-ilmenti tar-rikorrenti ntlaqgħu billi nstab li huma kienu ġarrbu ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (iżda ma daħlitx fil-kwestjoni dwar jekk kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq jew tal-jedd ta' aċċess għal qorti), tat żmien lill-Kummissarju intimat biex jagħmel kulma kien meħtieġ biex jitwettaq il-proċess tat-teħid tal-art, taħt penali ta' elf euro (€ 1,000) kuljum għad-dewmien wara li jgħaddi dak iż-żmien, u tat ukoll kumpens ta' għaxart elef euro (€ 10,000) lir-rikorrenti għaż-żmien minn mindu l-artijiet kienu ttiħdulhom;

"Illi b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar, 2011[4], il-Qorti Kostituzzjonali wettqet l-imsemmija sentenza billi sabet li r-rikorrenti kienu ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, billi tenniet iż-żmien li fih il-Kummissarju intimat kellu jtemm il-proċess għax-xiri tal-art meħuda, u kif ukoll fir-rigward tas-somma likwidata bħala kumpens. Iżda ħassret l-ewwel sentenza f'dak li jirrigwarda l-kundanna għall-penali għad-dewmien;

[2] Rik. Nru. 28/07GCD
[3] Dok "B", f'paġġ. 5 sa 19 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġġ. 20 sa 57 tal-proċess

"Illi, minkejja l-għoti tas-sentenzi msemmija, l-proċess tax-xiri u t-teħid tal-artijiet tar-rikorrenti baqa' ma ntemmx. Fi Frar tal-2012[5], ir-rikorrenti ressqu talba biex jinstab li l-Kummissarju intimat kien jaħti għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti talli, minkejja ż-żmien ta' tliet xhur li kien ingħata biex itemm il-proċess tax-xiri ta' ħwejjiġhom, kien ħalla ż-żmien jgħaddi għalxejn u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali baqgħet ma twettqitx;

"Illi r-rikorrenti fetħu din il-kawża fit-18 ta' Frar, 2014;

"Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami billi tqis l-ewwel l-**eċċezzjoni tal-ġudikat**. L-Awtorita' intimata tgħid li l-mertu ta' din il-kawża diġa' kien trattat u deċiż fis-sentenza li r-rikorrenti jsemmu fir-rikors promotur b'mod li jagħmel din l-azzjoni tagħhom tal-lum bħala waħda improponibbli u inammissibbli. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-imsemmija Awtorita' żied jgħid li l-ġudikat inħalaq bl-għoti tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (fl-14 ta' Frar, 2011) u li r-rimedju mitlub mir-rikorrenti f'din il-kawża diġa' ngħatalhom f'dik is-sentenza;

"Illi, għar-rikorrenti, din l-eċċezzjoni mhijiex tajba għaliex l-ilment tagħhom f'din il-kawża tnissel minħabba l-ksur tal-jedd fundamentali li ġarrbu wara li kienet ingħatat l-imsemmija sentenza, u billi din tagħhom tal-lum hija kawża dwar leżjoni attwali u mhux sempliċi eżekuzzjoni ta' sentenza li saret ġudikat, jiġi li lanqas jista' jingħad li hemm l-element tal-"*eadem causa petendi*" li huwa meħtieġ biex isejjes l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

"Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma (a) l-istess oġġett (*eadem res*), (b) l-istess partijiet (*eadem personae*) u (ċ) l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

"Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

[5] Dok "D", f'paġġ. 58 sa 65 tal-proċess

"Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[6], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[7];

"Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[8], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[9];
"Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[10]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[11];

"Illi meta jitqiesu t-tliet elementi kostitutivi li jsejsu l-eċċezzjoni taħt eżami, għandu joħroġ li dwar tnejn minnhom, f'din il-kawża, ma hemm l-ebda dubju li jirriżultaw. Dan qiegħed jingħad kemm dwar l-element tal-"*eadem personae*" u kemm dwar dak tal-"*eadem res*". Kemm hu hekk, il-partijiet f'din il-kawża u f'dik maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Frar, 2011, huma kelma b'kelma l-istess. L-istess jista' jingħad għall-qofol tal-kwestjoni, billi din tirrigwarda l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba d-dewmien fl-għoti tal-kumpens lilhom dwar l-art li tteħditilhom biex saret it-triq;

"Illi l-kwestjoni li jifdal hi dwar jekk huwiex minnu, kif tallega l-Awtorita' intimata, li hemm ukoll l-element tal-"*eadem causa petendi*". Kif ingħad, ir-rikorrenti jisħqu li dan ma jista' qatt ikun għaliex jgħidu li dak li qiegħed jikkawżalhom il-ksur tal-jeddijiet fundamentali minnhom indikati fir-rikors promotur seħħ wara li kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk ma setax kien kompriż u miġbur fl-istess sentenza;

"Illi l-kwestjoni tal-identita' tat-talba minn dejjem nisslet dibattitu, ukoll fil-qasam ta' kwestjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża[12]. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk

[6] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[7] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[8] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[10] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[11] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)
[12] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri vs Avukat Ġenerali***

tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza[13];

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li biex tabilħaqq jista' jingħad jekk hemmx identita' tal-oġġett tal-kawża bejn l-ewwel kawża maqtugħa b'sentenza u l-kawża li fiha titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat, wieħed irid "jeżamina jekk il-kwestjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġja' deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat"[14];

"Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih[15]. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[16];

"Illi din il-Qorti tqis li huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi[17] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza mgħandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[18];

"Illi minbarra dan, illum huwa aċċettat ukoll li l-ġudikat ma jiġix nieqes jekk kemm-il darba jkun seħħ xi bdil ta' xi ċirkostanza wara li tkun ingħatat is-sentenza li saret ġudikat, ladarba l-fatti, l-ilment u t-talbiet tat-tieni kawża jibqgħu l-istess. Hekk, per eżempju, jgħodd xorta waħda l-element tal-ġudikat fejn, wara l-għoti ta' sentenza li saret ġudikat, tinbidel il-ġurisprudenza dwar liġi li tkun tqieset f'dik is-sentenza[19];

"Illi fuq kollox, meta tingħata sentenza, l-effikaċja tagħha tgħodd u torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun ingħatat[20] u sakemm ma jkunx hemm bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jagħti lok għal kambjament fl-oġġett mertu tal-

---

[13] App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Farruġia*** (Kollez. Vol.**XXXVI.I.75)**

[14] Ara App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***
[15] App. Ċiv. **6.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lambusa Maritime Company Ltd vs Freightzone (Malta) Ltd.***
[16] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[17] Art. 218 tal-Kap 12;
[18] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)
[19] P.A. (Kost.) AE **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali **25.2.2013**)
[20] App. Inf. PS **5.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aġius et vs Maria Fenech***

kawża, ma jistax jingħad li l-effetti ta’ dik is-sentenza li tkun saret ġudikat ikunu tabilħaqq inġabu fix-xejn[21];

“Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li dan it-tielet element li jsejjes il-ġudikat jirriżulta wkoll. Jekk wieħed jifli sewwa r-rikors promotur, isib li ma hemm xejn mill-ilmenti tar-rikorrenti li jmur lil hinn minn dak li kien diġa’ maqtugħ u provdut dwaru fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta’ Frar, 2011. Jidher li r-rikorrenti jisgħob bihom li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ħassret il-penali li l-Ewwel Qorti kienet imponiet fuq il-Kummissarju intimat u jattribwixxu din iċ-ċirkostanza bħala r-raġuni għaliex għadhom ibatu minn nuqqas ta’ rimedju. Il-kliem tas-sitt premessa tar-rikors promotur jqiegħdu fil-beraħ dan kollu meta jgħidu “mill-fatti li seħħew wara tali sentenza juru li effettivament tali penali kienet verament konsiljata għaliex mingħajrha, is-sentenza ġiet waħda ineffikaċi li tat riżultat għall-fatt illi l-esponenti kellhom jerġgħu jadixxu din l-Onorabbli Qorti biex id-drittijiet fundamentali tagħhom ma jibqgħux jiġu aktar mittiefsa”. Dan joħroġ ukoll mit-tieni talba tagħhom fejn, fost ir-rimedji mitluba, jitolbu li din il-Qorti “anke timponi penali għal kull jum li jgħaddi”;

“Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn il-kliem juru li l-azzjoni tar-rikorrenti tal-lum ma trid xejn aktar milli tiftaħ għall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti lmenti li diġa’ hemm deċiżjoni dwarhom fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Il- “fatti li seħħew wara tali sentenza” jirriżultaw li ma kienu xejn iżjed minn nuqqas ta’ żviluppi fil-proċess li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ordnat li jsir (u għalhekk, bħala tali, ma jikkostitwixxu l-ebda bdil radikali fiċ-ċirkostanzi li minħabba fihom jista’ jerġa’ jinfetaħ id-dibattitu b’*eadem causae petendi* ġdid). Fuq kollox, minħabba li huma jqisu li “s-sentenza ġiet waħda ineffikaċi”, allura l-konsegwenza loġika li wieħed jislet hi li, b’din l-azzjoni tal-lum, iridu jerġgħu jirrendu effikaċi dak li fil-fehma tagħhom jaħsbu li tilef is-siwi tiegħu. L-istess jingħad meta jsemmu li “d-drittijiet fondamentali tagħhom ma jibqgħux jiġu aktar mittiefsa”: dan ma jistax ma jirreferix għall-istess jeddijiet li l-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet dwarhom u tathom rimedju;

“Illi l-Qorti tabilħaqq tifhem il-qagħda li jistgħu jinsabu fiha r-rikorrenti minħabba li, wara medda ta’ għexur ta’ snin, għadhom ma ħadux dak li jistħoqqilhom wara t-teħid tal-art tagħhom. Imma dan ma jnissilx il-ħtieġa ta’ proċediment ġdid fuq l-istess ħaġa, kif jidher li qiegħed isir b’din l-azzjoni tagħhom tal-lum;

“Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita’ intimata hija tajba u sejra tilqagħha. Għalkemm l-eċċezzjoni tqajment mill-Awtorita’ intimata biss, l-effett tal-ilqugħ tagħha jorbot lill-partijiet kollha fil-kawża;

“Illi wkoll, ladarba sejra tintlaqa’ l-eċċezzjoni tal-ġudikat, ma huwiex meħtieġ li l-Qorti tistħarreġ ukoll l-eċċezzjoni preliminari l-oħra dwar jekk imisshiex twettaq id-diskrezzjoni tagħha li tisma’ l-kawża;”

[21] P.A. (Kost.) TM **15.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta’ Malta et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali **24.6.2011**)

**<u>L-Appell</u>**

**9.** Dan hu bazat fuq aggravju wiehed maqsum f'zewg partijiet. L-ewwel parti hi fis-sens li s-sentenza tal-14 ta' Frar 2011 moghtija minn din il-Qorti, "ma tatx rimedju effettiv u sal-lum il-gurnata tali lezjoni ghadha ssehh ... u ghalhekk ir-*res* huwa piuttost differenti".

**10.** Imbaghad ir-rikorrenti jkomplu jispjegaw hekk it-tieni parti:

> "Hekk ukoll, hemm distinzjoni fuq il-kawza litigandi. L-esponenti qeghdin isejsu l-ilment taghhom fuq dak li sehh wara l-14 ta' Frar 2011. Ma jistghax ikun li s-sentenza tal-14 ta' Frar 2011 toghloq gudikat ghall-fatti, ossia nuqqasijiet li sehhew wara li inghatat tali sentenza u f' dan ir-rigward l-esponenti jtennu illi kull gurnata li tibqa' sejra hemm lezjoni gdida u dan huwa simili ghal meta jkun hemm rejat permanenti u that dan l-aspett l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla [Gurisdizzjoni Kostituzzjonali] fit-13 ta' Mejju 2013, referenza kostituzzjonali 42/2012 fl-ismijiet *'Pulizija vs Joseph Attard'* li kienet titratta dwar eccezzjoni ta' *ne bis in idem* wara akkuza ta' *ragjon fattasi.* F' dik il-kawza l-Qorti rriteniet illi gjaldarba r-rejat kien wiehed permanenti, allura l-prosekuzzjoni kellha dritt terga' tohrog imputazzjoni simili."

**11.** Ir-rikorrenti jkompli jissottomettu:

> "Fir-rikors in kwistjoni l-esponenti qeghdin jinvitaw lill-Qorti biex tindirizza l-lezjoni li sofrew minn wara l-14 ta' Frar 2011, u dan billi … sal-mument li gie intavolat ir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri u …. anke sal-prezentata ta' dan l-appell, il-lezjoni ghadha ssehh u l-esponenti ma gewx informati bl-ebda Avviz ghall-Ftehim ghall-akkwist b' titolu assolut tal-proprjeta' in dizamina."

**12.** Abbazi ghall-premess, ir-rikorrenti qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi revokata u l-eccezzjoni relattiva tigi michuda, u konsegwentement l-atti jigu rinvjati lura fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**13.** Fir-risposti taghhom l-intimati qed jitolbu li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti. Ir-ragunijiet imressqa mill-intimati separatament huma s-segwenti.

**14.** Fis-succint l-intimati Kummissarju u l-Avukat Generali jissottomettu li meta tinghata sentenza l-effikacja taghha tghodd u torbot ukoll ghaz-zmien ta' wara li tkun inghatat, u sakemm ma jkunx hemm bdil sostanzjali fic-cirkostanzi li jaghti lok ghal kambjament fl-oggett mertu tal-kawza, ma jistax jinghad li l-effetti ta' dik id-decizjoni li tkun saret gudikat ikunu tabilhaqq ingabu fix-xejn. In sostenn tat-tezi taghhom huma jiccitaw mill-kawza **John Camilleri v. Avukat Generali** moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013, fejn gie ritenut li:

> "… mhux lecitu li r-rikorrent jipproponi l-istess domanda, f'forma differenti … u iqajjem l-istess punt li fuqu kellu l-opportunita' li jespandi fil-kuntest tal-ewwel procedura, b'tentattiv li jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni, ghax jekk dan jigi accettat il-process gudizzjarju b'daqstant ikun qed jigi stultifikat u rez interminabbli jew ineffikaci."

**15.** Is-sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata huma fis-sens li l-element tal-*eadem res* jirrizulta peress li l-qofol tal-kwistjoni tirrigwarda l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti minhabba dewmien fl-ghoti tal-kumpens lilhom dwar l-art li ttehditilhom biex saret triq. Konsegwentement ghal dan il-ksur din il-Qorti pprovdiet ghar-rimedju li llum ghadda in gudikat, u ghalhekk issa *"huwa l-kaz li ssir l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Frar 2011 u mhux li tigi proposta azzjoni ohra fuq l-istess mertu."*

**16.** Rigward l-element tal-*eadem causa petendi*, l-Awtorita` ticcita kazistika lokali, u ssostni li l-fatt guridiku tal-kawza odjerna huwa l-istess bhal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali. Dwar l-argument tar-rikorrenti li l-kawza odjerna tindirizza dak li sar wara li nghatat is-sentenza tal-14 ta' Frar 2011, l-Awtorita` tghid li l-lezjoni jew in-nuqqas li qed jallegaw ir-rikorrenti *"tikkoncerna u torigina mill-istess kwistjoni u punt legali li kkunsidrat u ddecidiet dwarhom il-Qorti Kostituzzjonali"* f'dik is-sentenza. Hija tkompli tishaq li f'dan il-kaz ma hemmx tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi li jaghti lok ghal kambjament fl-oggett meritu tal-kawza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**17.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghar-rassenja tal-kazistika migbura mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. F'dan l-istadju tikkunsidra

opportun li ticcita s-segwenti bran mill-kawza App.Inf. **Joseph Attard v. Maria Fenech** deciza, 5 ta' Marzu 2010 li jigbor fih ir-*ratio* u l-kriterji pertinenti ghar-rekwizit tal-*eadem causa petendi* fil-kuncett tar-*res iudicata,* senjatament l-effetti ta' gudikat ghall-futur:

> "… Izda, b'konsegwenza destinata li tibqa' valevoli ghall-futur, l-awtorita` tal-gudikat timpedixxi r-ri-ezami u d-deuduzzjoni ta' xi kwistjoni tendenti ghal decizjoni gdida ta' dak li jkun diga` gie rizolut b'sentenza defnittiva ghax ukoll, bhala regola, is-sentenza f'dan is-sens tesplika l-effikacja proprja taghha wkoll ghaz-zmien successiv ghal dik l-istess sentenza.[22] Maghdud dan, kif enuncjat ukoll f'gurisprudenza pacifika, tezisti pero` eccezzjoni ghar-regola."

**18.** L-eccezzjoni ghar-regola giet senjalata u spjegata hekk mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppe Mizzi et v. Joseph Sacco**, deciza fil-31 Mejju 1996[23]:

> "… is-sentenza … [li tiddefenixxi r-relazzjonijiet guridici bejn il-kontendenti] tidditermina l-istat ta' dritt bejn il-kontendenti fil-mument meta tinqata' u fuq ic-cirkostanzi li jirrizultaw provati f'dak il-mument ta' zmien. *Rebus sic stantibus*. B'dan li jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi, dan jista' jwassal ghal kambjament fl-oggett mertu tal-kawza ghaliex id-definizzjoni tad-drittijet reciproci tal-kontendenti jkunu jiddependu proprju mill-apprezzament tal-gudikant tac-cirkostanzi godda li jkunu ssopravvenew. Ir-*res* tal-haga ma jibqa' allura l-istess kif meta giet deciza l-ewwel kawza."[24]

**19.** Fil-meritu din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz la kien hemm tibdil sostanzjali fl-oggett tal-kawza, u lanqas fil-*causa petendi*. Fiz-zewg kawzi kemm il-meritu kif ukoll dak mitlub huma sostanzjalment l-istess.

[22] Sottolinear ta' din il-Qorti
[23] Citata wkoll fil-kawza **Agius v. Fenech** [supra]
[24] Sottolinear ta' din il-Qorti

**20.** Hekk, fl-ewwel kawza li fuqha inghatat is-sentenza tal-14 ta’ Frar 2011 kien gie deciz li kienet tezisti lezjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti kif protetti fl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kien inghata rimedju kemm fil-forma ta’ kumpens, kif ukoll fil-forma ta’ ordni lill-Kummissarju li kellu jaderixxi ghaliha fi zmien tliet xhur. Ghalhekk dik il-Qorti ddecidiet kemm dwar l-ezistenza tal-lezjoni kif ukoll dwar ir-rimedju.

**21.** Fil-kawza odjerna dak li qed jigi mitlub huwa proprju l-istess vertenzi li dwarhom il-Qorti ddecidiet fis-sentenza precitata, u cioe` dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni tad-drittijiet protetti fl-artikoli precitati, inkluz l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; kif ukoll talba sabiex ir-rikorrenti jinghataw rimedju fil-forma ta’ penali gornaljera fil-kaz ta’ inadempjenza mal-ordni tal-Qorti, liema talba, flimkien mal-vertenza rigwardanti l-Artikolu 6, kienet diga` jifforma l-meritu tal-kawza finalment deciza bis-sentenza fuq citata tal-14 ta’ Frar 2011.

**22.** Ghalhekk kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti dak li qed jigi invokat fil-kawza odjerna mhuwiex xi tibdil radikali jew sostanzjali li jbiddel l-oggett tal-kawza, imma biss in-nuqqas tal-Kummissarju intimat li jaderixxi ma’ l-ordni moghtija minnu minn din il-Qorti, b’mod li l-vertenzi sottoposti ghall-ezami ta’ din il-Qorti huma prattikament l-istess vertenzi gia` decizi.

**23.** Rigward il-paragun maghmul mir-rikorrenti tal-kawza odjerna mal-kaz **Il-Pulizija v. Joseph Attard**[25], din il-Qorti tosserva li dan il-paragun huwa legalment insostenibbli, stante li dak il-kaz kien jittratta dwar reat kriminali "permanenti" li kien baqa' jigi kommess mill-imputat wara li kien diga` gie kkundannat ghal dak ir-reat f'sentenza precedenti, filwaqt li l-kaz odjern jittratta dwar l-istess nuqqas amministrattiv da parti tal-Kummissarju sabiex jaghti bidu ghall-process tal-esproprju liema nuqqas kien diga` jifforma l-meritu tal-ewwel kawza u li kien diga` gie deciz fis-sentenza precitata, u ghalhekk, kif korrettament sottomess mill-Awtorita` intimata, ir-rikorrenti kellhom jghaddu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza u mhux ifittxu ripetizzjoni tal-ezami tal-vertenzi gia` decizi minn din il-Qorti.

**24.** Ghaldaqstant l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

[25] Supra

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------